# Il-Viżta Pastorali ta' Mons. Pietru Dusina (1575) u l-Knisja Prinċipali ta' Ħal Kirkop

Horatio Caesar Roger Vella*

*Horatio Caesar Roger Vella huwa Professur tal-Latin u tal-Grieg fl-Università ta' Malta.



Pietru Dusina, Viżitatur Appostoliku.

Kif nafu, fl-1575, il-Viżitatur Appostoliku, Mons. Pietru Dusina, għamel żjara lil kull raħal f'Malta u f'Għawdex, u b'xorti tajba dan ir-rapport għadu jeżisti fil-Vatikan. Jinsabu wkoll kopji tiegħu fil-Bibljoteka Nazzjonali u fil-Kurja Arċiveskovili. L-importanza ta' dan ir-rapport hija kbira, propju għaliex huwa l-eqdem li jeżisti, u għal ħafna postijiet, bħal Ħal Kirkop, jiddeskrivi diversi rħula qabel ma dawn saru parroċċi. Fil-każ tagħna, dan ir-rapport sar 17-il sena qabel ma r-raħal inqata' minn Birmiftuħ.

Qiegħed hawn nirriproduċi l-verżjoni li titratta fuq Ħal Kirkop, kif tidher fl-edizzjoni ta' Patri Ġorġ Aquilina O.F.M., u tal-Professur Stanley Fiorini.[1] Il-parti li tikkonċerna lil Ħal Kirkop tinsab f'folji 90 u 90v. Qiegħed ukoll taħt kull paragrafu ta' Dusina nagħti traduzzjoni għall-Malti u, fejn jeħtieġ, xi kumment.

Wara dawn il-kwotazzjonijiet u traduzzjonijiet, ser nagħmel kumment ġenerali fuq il-prinċipalità tal-Knisja ta' San Leonardu f'Ħal Kirkop.

## Casale Percopi

***Ecclesia Assumptionis Beatae Mariae, Casalis Percopi, sub Parrochia Birmiftu[h]***

*Eodem die, idem Reverendissimus Dominus Visitator personaliter accessit ad Casale Percopi, et ad Ecclesiam sub vocabulo Assumptionis Beatae Mariae dicti casalis quae est sub parrochiali Ecclesia Casalis Birmiftu[h]. Casale Perecopi facit domos quinquaginta; distat a Casali Birmiftu[h] per duo miliaria, et à Maccaba per alia duo miliaria. Dicta Ecclesia habet altare cum incona parva lignea Beatae Mariae, et caret portis ligneis, rectore, introitibus, oneribus et alijs necessarijs. Verum territorium situm in contrata de Marzo Scirocco, quod primo possidebatur per Cola<m> Hellun, nunc ex debito illius pervenit in manus Magnifici Laurentij Cassar, et ratione dicti territorij, tenetur in die festivitatis celebrari facere in eadem vesperas, et missas, et accendere lampadam. Et iam modo dictus Cola satisfacit. Tenetur etiam alere pauperes.*

*Dominus mandavit quod in altaribus ex<s>istentibus intus dictam Ecclesiam à lateribus non celebretur amplius.*

***Knisja tat-Tlugħ fis-Sema tal-Beata Marija, ta' Ħal Kirkop, tagħmel mal-Parroċċa ta' Birmiftuħ***

*Fl-istess jum, l-istess Wisq Reverendu Sinjur Viżitatur personalment ġie f'Hal Kirkop, u fil-Knisja bl-isem tat-Tlugħ fis-Sema tal-Beata Marija ta' l-imsemmi raħal, li tagħmel mal-Knisja Parrokkjali tar-raħal ta' Birmiftuħ. Ħal Kirkop jgħodd ħamsin dar; huwa bogħod mir-raħal ta' Birmiftuħ żewġ mili, u mill-Imqabba żewġ mili oħra. L-imsemmija Knisja għandha altar bi statwa żgħira ta' l-injam tal-Beata Marija, u hija nieqsa minn bibien ta' l-injam, Rettur, dħul, piżijiet u bżonnijiet oħra. Imma art li tinsab in-naħa ta' Marsaxlokk, li għall-ewwel kienet f'idejn Kola Ellul, issa b'obbligu lejn dak qegħda taqa' f'idejn il-Manifiku Lawrenz Cassar, u b'saħħet l-imsemmija art, huwa obbligat li f'jum il-festa jara li jiġu ċċelebrati fl-istess (knisja) l-għasar, u l-quddies, u li jixgħel lampa. U s'issa l-imsemmi Kola jissodisfa (l-obbligi tiegħu). Huwa wkoll obbligat li jmantni l-fqar.*

*Is-Sinjur ordna li fuq l-altari li jinsabu ġewwa l-imsemmija Knisja fuq il-ġnub m'għandhiex issir ċelebrazzjoni (ta' quddies) iktar.*

Wieħed hawn jinnota żewġ persuni involuti: Kola Ellul u n-Nutar Lawrenz Cassar. Jidher li l-art imsemmija ta' Marsaxlokk, li d-dħul minnha kien qed jintuża biex tinżamm il-festa u biex ssir il-karità, kienet fil-proċess li tgħaddi minn wieħed għall-ieħor. Seta' kien li dan in-Nutar tħallas minn Kola Ellul bil-biċċa art imsemmija, jew li kien werriet tiegħu. Fir-reġistri ta' Birmiftuħ jissemmew Kola Ellul u Lawrenz Cassar. Nikola Ellul, bin Ġakbu, iżżewweġ lil Antonella Sciriha, bint il-mibki Duminku, minn Ħal Safi, fl-14 ta' Ġunju, 1561, waqt li Lawrenz Cassar iżżewweġ lil Katerina Scicluna, bint il-mibki Pawlu, minn Ħal Kirkop, fil-15 ta' Diċembru, 1569. Waqt li Nikola u Antonella kellhom sitt itfal bejn il-1556 u l-1585, Lawrenz u Katerina Cassar kellhom sebat itfal bejn l-1566 u l-1592. Kien jeżisti Nikola Ellul ieħor f'Ħal Kirkop, li kien miżżewweġ lil waħda Ġakba, u li t-tnejn kellhom erbat itfal bejn l-1556 u l-1575. Fir-reġistri ta' Ħal Kirkop insibu li Lawrenz Cassar miet u ndifen f'Ħal Kirkop fil-15 ta' Diċembru, 1622, fl-età ta' madwar 75 sena.[2]

Ir-rapport hawnhekk jagħtina wkoll kalkolu ta' kemm nies kien hawn f'Ħal Kirkop fl-1575. Mons. Dusina jgħidilna li kien hawn 50 dar. Skond studju li għadu kemm ġie kkalkulat u li għad irid jiġi ppubblikat fit-tieni volum tiegħi fuq Ħal Kirkop, bejn l-1556 u l-1626, il-medja ta' trabi mwielda f'kull familja kien dak ta' 3.87. Dan ifisser li 50 familja tellgħet il-popolazzjoni f'Ħal Kirkop sa 194, kważi mitejn ruħ. Din il-figura kellha tkompli tikber sa 495 fl-1671.[3]

Dwar id-distanzi msemmija fir-rapport, jinsabu xi ineżattezzi. L-ewwelnett, Ħal Kirkop hu ekwidistanti ma' l-Imqabba u l-Gudja, u mhux ma' Birmiftuħ. Barra minn hekk, bejn il-Gudja u Ħal Kirkop hemm mil, u mhux żewġ mili, u l-istess japplika għal bejn l-Imqabba u Ħal Kirkop.

Din il-knisja kellha iktar minn altar wieħed, tant li Mons. Dusina ordna sabiex ma jsirux quddies iktar fuq l-altari tal-ġnub. Dan kien isir peress li l-altari ma kinux stmati li kienu f'kundizzjoni li tixraq iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa.

Fl-aħħarnett tissemma l-istatwa ta' l-injam tal-Madonna. Il-kelma *incona* għal *icona* tfisser "xbieha" jew "figura". Għalkemm wieħed hawn jammetti li *icona* tista' tfisser

"pittura", madankollu l-kelma *lignea*, "ta' l-injam" ma tindikax pittura ta' l-injam, imma statwa ta' l-injam. B'hekk għandna, sa fejn nafu aħna, l-ewwel referenza għal statwa tal-Madonna f'Ħal Kirkop.

Jidher li din il-knisja kellha iktar minn bieb wieħed, tant li Mons. Dusina jsemmi *portis*, "bibien" (fil-plural). Dawn il-bibien ma kinux ta' l-injam, kif kien wieħed jistenna, imma wisq probabbli tal-qasab. Minn dan u nuqqasijiet oħra, inkluż dak tar-Rettur, wieħed jista' jimmaġina x'faqar kien hawn f'Ħal Kirkop. Mhux ta' b'xejn li sikwit l-Isqfijiet ta' Malta kienu jordnaw li jitwaqqgħu dawn il-knejjes. Fil-fatt, din il-knisja ġiet ipprofanata mill-Isqof Balaguer fl-1658.[4]

## Sancti Leonardi Ecclesia Principalis Casalis Percopi

*Jtem visitavit etiam aliam ecclesiam sub vocabulo Sancti Leonardi, constuctam in eodem Casali Percopi, et est Principalis Ecclesia dicti casalis, similiter sub Parrochiali Ecclesia Birmiftuġħħ, quae Ecclesia habet altare cum incona lignea, et est ampla et decens, et habet pavimentum. Quae ecclesia habet onus videlicet: Andreas Mangiun, qui possidet territorium in contrata del Baccari, occasione illius tenetur in eadem in die festivitatis celebrari facere vesperas, et missam, et accendere lampadam in diebus festivis, et dare anno quolibet parrocho di Birmiftu[h] ġf.90v.ħ celebranti pullum gallinacium, duos panes et vinum. Caret Rectore, oneribus, introitibus et alijs necessarijs.*

## Il-Knisja Prinċipali ta' San Leonardu ta' Ħal Kirkop

*Bl-istess mod żar ukoll knisja oħra bl-isem ta' San Leonardu, mibnija fl-istess Ħal Kirkop, u hi l-Knisja Prinċipali ta' l-imsemmi raħal, bl-istess mod tagħmel mal-Knisja Parrokkjali ta' Birmiftuħ, liema knisja għandha altar bi statwa ta' l-injam, u hi kbira u ta' qisien sbieħ, u għandha paviment. Din il-knisja għandha piż tabilħaqq: Indrì Mangion, li għandu art in-naħa tal-Bakkari, (u) bis-saħħa tagħha huwa obbligat jara li jiġu ċċelebrati fl-istess (knisja) f'jum il-festa l-għasar, u quddiesa, u li jixgħel lampa fil-jiem tal-festa, u li jagħti kull sena lill-Kappillan ta' Birmiftuħ li jiċċelebra (fiha) serduq, żewġ ħobżiet u nbid. Hija nieqsa minn Rettur, piżijiet, dħul u bżonnijiet oħra.*

Fir-reġistri ta' Birmiftuħ jissemma Indrì Mangion li kien miżżewweġ lil waħda Vennera, u li t-tnejn li huma kellhom sebat itfal bejn l-1556 u l-1575. Fir-reġistri ta' Ħal Kirkop, Vennera tissemma li mietet wara żewġha f'Ħal Kirkop fis-27 ta' Jannar, 1602.[5] Tal-Bakkari, fejn Indrì Mangion kellu l-art, tinsab bejn Wied Fulija u Ħal Far, ħdejn art li tissemma "Il-Miżieb", 'l hemm minn Ta' Ħlantun.

Din il-knisja ta' San Leonardu, li hija deskritta bħala prinċipali u li kienet kbira u ta' qisien sbieħ u li kellha paviment, attributi li mhux dejjem ġew mogħtija lil knejjes oħra minn Mons. Dusina, kellha wkoll in-nuqqasijiet tagħha, fosthom dak tar-Rettur. Jidher, però, li kellha bibien ta' l-injam, għaliex in-nuqqas tagħhom mhux imsemmi hawn.

Mill-paragrafu li ġej, wieħed jinnota li din il-knisja kellha iktar minn altar wieħed. Wieħed jinnota wkoll li fuq l-altar prinċipali tagħha kien hemm statwa ta' l-injam, din id-darba dik ta' San Leonardu. Hawnhekk ukoll wieħed jista' jgħid li din hija l-ewwel referenza għal statwa ta' San Leonardu.[6]

## Assumptio Beatae Mariae

*Jtem etiam visitavit aliud altare, existens in dicta ecclesia a parte dextera introitus, dicatum Assumptioni Beatae Mariae, quae caret oneribus, introitibus et omnibus necessarijs; sed Jacobus Mangion in die festivitatis celebrari facit in eodem vesperas et missam. Ignoratur an ex obligatione vel devotione hoc faciat.*

## It-Tlugħ fis-Sema tal-Beata Marija

*Bl-istess mod żar ukoll altar ieħor li jinsab fl-imsemmija knisja fuq in-naħa tal-lemin tad-daħla, imsemmi għat-Tlugħ fis-Sema tal-Beata Marija, li hi nieqsa mill-piżijiet, dħul u l-bżonnijiet kollha; imma Ġakbu Mangion jara li jiġi ċċelebrat f'jum il-festa fuq l-istess (altar) l-għasar u l-quddiesa. Mhux magħruf jekk jagħmilx dan b'obbligu jew b'devozzjoni.*


VISITATIO APOSTOLICA
facta in civ. et insula
MELITÆ
de anno 1575.
D. PETRO DUZINA
GREG. PP. XIII.

Fac-simile ta' l-ewwel folja tar-rapport tal-Viżta Appostolika ta' Dusina, bl-arma tiegħu isfel (Arkivju Nazzjonali, Għawdex).

## Annunciatio Beatae Mariae

*Jtem visitavit etiam aliam ecclesiam sub vocabulo Annunciationis Beatae Mariae constructam in dicto Casali Pericopi. Habet altare, portas ligneas, et caret oneribus, introitibus, Rectore et omnibus necessarijs: sed ex populi devotione tantum in ea celebratur aliquando.*

## It-Tħabbira lill-Beata Marija

*Bl-istess mod żar ukoll knisja oħra bl-isem tat-Tħabbira lill-Beata Marija, mibnija fl-istess Ħal Kirkop. Għandha altar, bibien ta' l-injam, u hi nieqsa minn piżijiet, dħul, Rettur u l-bżonnijiet kollha: imma kultant jiġi ċċelebrat fiha minħabba biss id-devozzjoni tal-poplu.*

Din il-knisja ġiet ipprofanata mill-Isqof Balaguer u mibnija mill-ġdid sa l-1636.[7]

## Il-Prinċipalità tal-Knisja ta' San Leonardu f'Ħal Kirkop

Ma hemmx dubju li sa mill-bidu ta' l-eżistenza ta' Ħal Kirkop, il-knisja prinċipali tiegħu kienet dejjem dik iddedikata lil San Leonardu. Dusina nnifsu jsejħilha "*Ecclesia Principalis*". Dan qiegħed nenfasiżżah għaliex, kif spjegajt qabel,[8] żball ta' xi individwi, wieħed jirrepeti lill-ieħor, nibbet mit li juri li mhux il-Knisja ta' San Leonardu kienet dik prinċipali, imma dik ta' San Ġakbu, li fl-1575 lanqas biss kienet teżisti. Fost dawn insemmu lil J. Micallef, A. Bonnici, C. Busuttil u S. Fiorini.[9] Dawn l-awturi jikkwotaw kuntratt li sar fis-16 ta' Settembru, 1595, iktar minn tliet snin mit-twaqqif tal-Knisja ta' San Leonardu bħala Parroċċa, mir-Reverendu Nutar Ġwanni Debono, li jgħid li "twaqqfet il-knisja ta' San Ġakbu li tinsab fl-imsemmi Ħal Kirkop bħala Knisja Parrokkjali ta' l-imsemmija bliet (jew) irħula Safi u Mqabba".[10] Iżda dawn l-istess awturi moderni mbagħad isemmu lil G.F. Abela, li lanqas biss isemmi lil din il-knisja ta' San Ġakbu, imma li jgħid li l-Knisja ta' San Leonardu dejjem kienet il-prinċipali.[11]

Mhuwiex veru li flok il-knisja parrokkjali preżenti kienu jinsabu żewġ knejjes, waħda ddedikata lil San Leonardu, u l-oħra lit-Tlugħ fis-Sema ta' Sidtna Marija.[12] Il-fatt hu li kien hemm knisja ddedikata lit-Tlugħ fis-Sema ta' Sidtna Marija, li Dusina qiegħed hawn

jiddeskrivi fil-bidu tar-rapport tiegħu, u li wara bdiet tissejjaħ ukoll "Ta' Pinu", u li kienet tinsab ġo sqaq,[13] u kien hemm ukoll altar fil-Knisja ta' San Leonardu, wkoll iddedikat lit-Tlugħ fis-Sema ta' Sidtna Marija, li ma kien knisja xejn. Kemm il-Knisja ta' Sidtna Marija u kemm l-altar tagħha fil-Knisja ta' San Leonardu huma deskritti fir-rapport ta' Dusina. Irid jingħad ukoll li kuntrarju għal-Knisja ta' Sidtna Marija, dik ta' San Leonardu ma kinitx fi sqaq, imma tmiss ma' territorju ta' razzett.[14]

Issa li nafu li l-Knisja ta' San Leonardu kienet dejjem dik prinċipali, wieħed bir-raġun isaqsi meta nbiet l-ewwel knisja f'Ħal Kirkop iddedikata lilu.

F'Malta, il-knejjes eżistenti l-aktar antiki jmorru lura għas-seklu erbatax, perjodu ta' wara l-miġja tal-Konti Ruġġieru. Minn xi żmien ilu, fl-eqdem knejjes instabu fdalijiet ta' knejjes oħra, li x'aktarx imorru lura għal sekli qabel, saħansitra xi drabi għall-perjodu tal-Biżantini, kif wieħed jista' jikkonkludi mill-affreski li nstabu. Eżempju ta' dan hija l-Knisja ta' Ħal Millieri fil-viċin tagħna. Iżda min jista' jgħid li fuq il-katakombi ta' Kirkop 2 u f'dak ta' Ħal Resqun,[15] midfun fit-tidwira ta' ħdejn l-ajruport, ma kellhomx knejjes li nbnew fuqhom u nqerdu wara? U bħalma dawn inqerdu, u baqgħu l-katakombi, jew aħjar, il-kripti, kappelli żgħar taħt l-art, min jista' jgħid li taħt il-Knisja Prinċipali ta' San Leonardu m'għadx hemm kripta li kellha wkoll qima lejn San Leonardu, bl-affreski kif insibuhom f'Ħal Millieri u f'Ħal Resqun? Kripti kienu komuni fi knejjes Biżantini u ta' qabel. Kripta minn dawn tinsab taħt il-Kunvent tal-Lunzjata fil-limiti tar-Rabat, u din ma kienet iddedikata lil ħadd għajr lil San Leonardu. Kripti kienu postijiet ta' dfin u ta' qima, knejjes taħt l-art biex jagħtu inqas fil-għajn fi żmien ta' periklu kemm għall-Poplu u kemm għar-Reliġjon. Kienu dawn il-kripti fi żmien il-ħakma Għarbija li servew ta' knejjes tagħna, u wara li Malta rat il-ħelsien tagħha mal-miġja tan-Normanni, wieħed imbagħad seta' jibni knejjes fl-apert, fuq l-istess kripti, u f'postijiet oħra.

It-tradizzjoni tgħid li l-Konti Ruġġieru, fl-1091, keċċa lill-Għarab, u li reġa' qaleb ir-reliġjon tagħna minn waħda Musulmana għal waħda Kattolika. Il-fatti ta' l-istorja, però, jgħidu mod ieħor, li l-Għarab kienu ġa kkonċedew lill-Maltin li setgħu jibqgħu Nsara, imma li jsiru ċittadini tat-tieni klassi, jiġifieri, li jħallsu t-tribut lilhom. Dan hu importanti, għaliex ta ċans lill-Maltin, inkluż f'Ħal Kirkop, li jibqgħu Nsara minn żmien il-Biżantini sa żmien in-Normanni. Wieħed hawn qiegħed jeskludi rapporti mhux ta' min joqgħod fuqhom li Malta għamlet xi żmien diżabitata. Anke Kemmuna llum hija diżabitata, almenu għal min jaraha minn fuq dgħajsa; imma fil-fatt ilha s-snin abitata: aħseb u ara gżira bħal Malta ħafna ikbar minnha.

Li l-Maltin u l-Għawdxin baqgħu Nsara saħansitra tul il-ħakma Għarbija minn żmien il-Biżantini jsostnih b'mod qawwi Missier l-Ilsien Malti, Mikiel Anton Vassalli, meta jgħid li,

"Għax jekk l-Għarab ma biddluhx (ilsienhom) fl-Għarbi tagħhom, ir-raġuni toħroġ ċar minnha nnifisha, li l-Maltin, għalkemm batew elf dannu, madankollu, mogħtijin għal kollox għar-Reliġjon Kattolika u d-devozzjonijiet ta' missirijiethom mill-miġja ta' San Pawl, qatt ma ġerrħu taħlit jew għaqda mas-Saraċeni, imma rabbew, kif ser nażżarda ngħid, mibgħeda mill-aktar qalila u eterna u bagħdew l-isem Għarbi, it-tradizzjonijiet, ir-reliġjon u saħħansitra l-ilsien (tagħhom)."[16]

Huwa ċert li l-Biżantini kienu f'Malta, u li l-Knisja Maltija u dik Għawdxija kienu jagħmlu mar-Rit ta' Biżanzju. Għandna l-evidenza ċara tal-fdalijiet ta' knisja Biżantina f'Tas-Silġ. Għandna minn ta' l-inqas żewġ kelmiet fil-Malti li jmorru lura sa dak iż-żmien,

u li baqgħu jintużaw minkejja li kien hawn l-Għarab u l-Islam f'Malta. Dawn huma *Wied ir-Rum*, li tfisser, "Wied l-Insara Biżantini", u *Lapsi*, jiġifieri, "it-Tlugħ fis-Sema ta' Sidna Ġesù Kristu", dak li l-ġirien tagħna dejjem baqgħu jsejħulu mil-Latin "Ascensioni", iżda aħna bqajna nsejħulu mil-Grieg.

Għandna saħansitra kunjomijiet Griegi li kienu hawn minn qabel il-miġja tal-Konti Ruġġieru, jiġifieri, sa minn żmien l-Għarab u qabilhom, minn żmien il-Biżantini. Fost dawn kien hemm il-kunjom *Prokopios*, li wara ġie *Perkopju*, *Perkop*, *Porkop*, *Chircop* u *Kirkop*. Jeżistu rħula oħra bħal Ħal Kirkop li isimhom huwa kunjom: Attard, Balzan, Dingli, Dwin, Farruġ, Lija, Luqa, Mula, Għaxaq u Qormi. Barra minn dawn, kienu jeżistu oħrajn relatati ma' kunjomijiet, imma li llum ma għadhomx jeżistu: Binsinjur, Bisqallin, Dimekk, Dragu, Far, Ġawhar, Ġer, Ġwann, Kaprat, Għallun, Ramija, Sammut, Tartarni.[17] Kien hemm bil-fors rabta bejn kunjom persuna, u isem dawn l-irħula, u f'Ħal Kirkop, imsemmi għall-Grieg Prokopju, bil-fors li kien hemm rabta bejn din il-persuna u l-komunità Griega Nisranija li fi żmien il-Biżantini kienu jgħoddu tagħhom il-qima lejn San Leonardu. Dan għaliex San Leonardu għix fi żmien bikri tal-istorja tal-Knisja, sekli sħaħ qabel ma l-Knisja Latina u dik Griega Biżantina nfirdu minn xulxin madwar l-1000 sena wara Kristu. Il-piraterija u l-iskjavitù kienu l-pjagi tal-Mediterran, ġa minn żmien ir-Rumani, u San Leonardu kien jidħol għall-Insara li kienu jitolbuh il-ħarsien tagħhom u radd il-mitlufin.

Instab manuskritt Biżantin miktub bil-Grieg f'Madrid fi Spanja, li jien mort naqrah is-sena l-oħra, u li sekli qabel kien f'Messina. Bħalissa, qegħdin naħdmu fuqu jien, il-Professur Stanley Fiorini u r-Reverendu Dr. Joseph Busuttil.[18] Dan il-manuskritt isemmi (f.84v.) li l-Maltin bidlu l-moskej Għarab fi knejjes Insara mal-wasla tan-Normanni. L-istess ġara f'artijiet oħra, bħal Sqallija. Dan ifisser li tul il-ħakma Għarbija f'Malta, il-Maltin kienu mxebbgħin jaduraw lis-Santissima Trinità mhux tant fl-apert, imma fil-kripti u fl-għerien biex ma jurtawx lill-Misilmin (u lil-Lhud li kienu wkoll hawn Malta) li ma kinux jemmnu fit-Trinità. U hekk kif waslet il-libertà reliġjuża, dawn bnew knejjes fuq il-kripti tagħhom, biddlu l-moskej tal-Għarab fi knejjes, u bnew bosta knejjes oħra 'l hawn u 'l hemm. Ir-rapport ta' Dusina jsemmi tant knejjes f'Malta u f'Għawdex, li wieħed jista' jgħid li kien hemm knisja għal kull jum tas-sena. F'Ħal Kirkop biss, meta sar Parroċċa, kien hemm saħħansitra seba' knejjes. Dawn kienu l-knejjes ta' San Leonardu, tat-Tlugħ fis-Sema ta' Sidtna Marija, tat-Tħabbira lil Sidtna Marija, ta' Santa Anastasja, ta' San Ġakbu, ta' San Nikola u ta' San Ġwann il-Battista.[19] L-ex-moskej u knejjes oħra, peress li kienu żgħar, waqgħu u reġgħu nbnew fi knejjes oħra. Xi wħud minn dawn wara ġew ipprofonati mill-Isqfijiet fiż-żjajjar Pastorali tagħhom u kkundannati biex jitwaqqgħu; oħrajn għadhom magħna, u oħrajn reġgħu nbnew kif jidhru llum.

## Konklużjoni

Minn dan kollu, wieħed jagħmel sew jaċċetta l-fatt li San Leonardu kien meqjum anke fil-Knisja ta' Rit Griega, dik Biżantina, saħansitra wara li waqgħet Ruma. F'Ħal Kirkop, abitat minn komunità Griega taħt rajjes jismu Procopios, huwa kien meqjum f'maqdes ċentrali. Iktar tard huwa baqa' jiġi meqjum x'aktarx fi kripta tul il-ħakba Għarbija u, wara, fi knisja mibnija fuq l-istess kripta meta Malta rat il-ħelsien sħiħ reliġjuż tagħha bil-miġja tan-Normanni fl-1091. Biż-żmien, meta fl-1575 il-popolazzjoni laħqet mal-mitejn ruħ, żdiedu knejjes oħra, tant li Mons. Pietru Dusina żar tlieta minnhom, deskritti hawn fuq.

Fl-aħħarnett, meta fl-1592 Ħal Kirkop sar Parroċċa, kienu jgħoddu seba' knejjes fir-raħal, imma dik ta' San Leonardu baqgħet dejjem il-prinċipali.

1 No. 1. *Archivio Segreto Vaticano, Congregazione Vescovi e Regolari. Malta: Visita Apostolica no.51: Mgr. Petrus Dusina, 1575.* F'*Documentary sources of Maltese history: Part IV. Documents at the Vatican.* Malta, Msida, Malta University Press, 2001, 119-120.

2 Ara H.C.R. Vella, *Indiċi ta' ismijiet ta' nies minn Ħal Kirkop li jinsabu mniżżla fir-reġistri taż-żwiġijiet, magħmudijiet u mwiet f'Birmiftuħ u f'Ħal Kirkop mill-1550 tal-1840.* Malta, B'Kara, Concept Communications Ltd, 2006, 11, 13, 46-50, 53-58, 166.

3 Ara H.C.R. Vella, *L-ewwel reġistru tal-Parroċċa ta' Ħal Kirkop: 1592-1679.* F'H.C.R. Vella ed., *Ħal Kirkop u l-inħawi ta' madwaru.* Vol. I. Msida, Malta University Press, 2000, 111.

4 Ara H.C.R. Vella (2000) 127, n.7.

5 Ara H.C.R. Vella (2006), 67-69, 176.

6 Ara H.C.R. Vella (2000), 127, n.7.

7 Ara H.C.R. Vella (2000), 126-128, n.7.

8 Ara H.C.R. Vella (2000), 122, n.7.

9 J. Micallef, *L-istorja ta' Ħal Safi.* Malta, 1980, 9; A. Bonnici, *San Leonardu.* F'M.J. Schiavone ed. *Il-knejjes parrokkjali ta' Malta u l-festi tagħhom.* Malta, Pietà, Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 1993, 2.13; C. Busuttil, *L-arkitettura tal-knisja parrokkjali ta' l-Imqabba.* F'Ch. Farrugia ed. *L-Imqabba mal-medda taż-żmien.* Malta, Imqabba, Kunsill Lokali u Knisja Parrokkjali, 1998, 61; u S. Fiorini, *Ħal Kirkop sal-1592.* F'H.C.R. Vella ed. (2000), p.36, n.66.

10 Ara l-kwotazzjoni mill-kuntratt u t-traduzzjoni tiegħi f'H.C.R. Vella (2000), 122, n.7.

11 G.F. Abela, *Della descrittione di Malta.* Malta, P. Bonacota, 1647, 379.

12 Dan intqal għall-ewwel darba minn A. Ferris, Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo, Malta, 1866, 431, u dan l-aħħar ġie repetut minn A. Bonnici (1993), 14.

13 Ara H.C.R. Vella (2000), pp.126-127, n.7.

14 Ara H.C.R. Vella (2000), p.127, n.7.

15 Ara A. Bonanno, *Il-wirt arkeoloġiku ta' Ħal Kirkop.* F'H.C.R. Vella ed. (2000), 9-10.

16 Traduzzjoni tiegħi ta' M.A. Vassalli, *Mylsen Phoenico-Punicum sive Grammatica Melitensis: Praefatio historica.* Ruma, Antonio Fulgoni, 1791, pp. 15-16, par. 10.

17 Ara S. Fiorini, *Ħal Kirkop sal-1592.* F'H.C.R. Vella ed. (2000), 24-27.

18 Dan ix-xogħol għad jidher bl-isem ta' *Tristia ex Melito-Gaudo.* Ara wkoll S. Fiorini u H.C.R. Vella, *New XIIth-century evidence for the Pauline tradition and the re-Christianization of the Maltese islands.* F' J. Azzopardi ed., *The Cult of St Paul and the Maltese Tradition.* Malta, 2006, pp. 161-172.

19 Ara H.C.R. Vella (2000), pp.123-128, n.7.